**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Frar, 2019**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 19/2019**

**Dr Abigail Bugeja bhala Mandatarju Specjali tas-socjeta assikuratrici estera American Steamship Owners Mutual Protection and Indemnity Association, Inc. (Socjeta Amerikana bin-numru tar-registrazzjoni 13-4924570)**

**vs**

**Il-Bastiment M.T. "PHAEDRA BRIGHT-1" (IMO Nru. 9213301)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr Abigail Bugeja nomine tal-10 ta' Jannar, 2019 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti tipprovdi servizzi ta' assikurazzjoni marittimi lill-bastiment intimat sabiex l-istess bastiment ikun kopert b'polza ta' assikurazzjoni kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat 'A';

2. Illi fix-xhur precedenti, s-socjeta rikorrenti giet avvicinata minn erbgha u ghoxrin (24) crew member impjegati fuq il-bastiment intimat sabiex jinfurmawha illi s-sidien tal-istess bastiment u jew il-Managers tal-istess bastiment naqsu milli jhallsu l-pagi taghhom ghax-xhur ta' Gunju (in parte), Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u sahansitra naqsu milli jipprovdu diversi provvisti lill-bastiment fosthom bunkers u ilma. Fil-fatt, l-istess crew members kienu avvicinaw lis-socjeta rikorrenti wara li s-sidien tal-bastiment intimat kienu ilhom diversi gimghat iweghduhom il-pagi taghhom minghajr ma jeffettwaw il-hlas rispettiv;

3. Illi s-socjeta rikorrenti kellha d-dover li tonora l-obbligi taghha l-skont il-Ligi Sussidjarja 234.51 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provvedimenti legali jistipulaw carament illi l-hlasijiet tal-pagi tal-crew members, kif ukoll is-spejjez necessarji tal-bastiment u r-ripatriazzjoni tal-ekwipagg, ghandhom jithallsu mill-financia! security system tal-bastiment intimat, u cioe f'dan il-kaz mis-socjeta rikorrenti. Minbarra f'hekk, is-socjeta rikorrenti giet avvicinata wkoll mill-'International Transport Workers Federation', u cioe l-Union tal-crew members rispettivi li interpellat l-istess socjeta rikorrenti sabiex tonora l-obbligi taghha taht il-Maritime Labour Contention u biex thallas l-arretrati ta' pagi li s-sidien u jew il-Managers tal-bastiment intimat ma kienux hallsu;

4. Illi nonostante li s-socjeta rikorrenti ppruvat tikkomunika mas-sidien u l-Managers tal-istess tal-bastiment intimat u tinterpellahom sabiex jeffetwaw il-pagi rispettivi u jhallsu l-ispejjez l-ohra, dawn baqghu inadempjenti u a kawza ta' dan, is-socjeta rikorrenti kellha tipprocedi bil-hlas tal-pagi rispettivi u spejjez ancillari, liema pagi kienu jammontaw ghas-somma ta' mija u tmienja u hams in elf mija u sbatax-il Dollaru Amerikan u tnejn u disghin centezmu (USD 158,117.92) ekwivalenti ghal mija u wiehed u erbghin elf u erba' mitt ewro (Eur 141,400.00) jew somma verjuri flimkien mal-bank charges rispettivi li jammontaw ghas-somma ta' elf mitejn u disa' u hamsin Dollaru Amerikan u ghaxar centezmu (USD 1,259.10) ekwivalenti ghas-somma ta' elfu disa' u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (Eur 1,099.33). Flimkien mal-hlasijiet tal-pagi tal-membri tal-ekwipagg, is-socjeta rikorrenti hallset ukoll l-ispejjez relatati mar-ripatrijazzjoni ta' sitta (6) mill-crew members liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf tlett mija u hamsin ewro (Eur 1,350.00) kif ukoll spejjez relatati mal-conveyance li giet inkarigata sabiex tigi accertata s-sitwazzjoni abbord l-imsernmi bastiment liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf hames mija u hames ewro (Eur 1,505.00). B'zieda ma' dan, is-socjeta rikorrenti kellha tinkorri spejjez relatati mal-assistenza reza fir-rigward tat-trasferiment tal-pagi tal-ekwipagg u servizzi ancillari liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hmistax-il elf tmien mija u erbghin ewro (Eur 15,840.00) flimkien mal-ispejjez tal-agenti li jinkludu anchorage fees u bunkers suppliti lill-imsemmi bastiment, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hamsin elf disa' mija u seba' u hamsin ewro u erba' u tletin centezmu (Eur 50,975.34). Fl-ahhar nett, il-bastiment intimat naqas ukoll milli jhallas il-polza asskurattiva mahruga mis-socjeta rikorrenti fuq l-imsemmi bastiment u li liema polza assikurattiva tammonta ghas-somma ta' seba' u ghoxrin elf seba' mija u tmienja u erbghin Dollaru Amerikan u hamsa u tmenin centezmu (USD 27,748.85) ekwivalenti ghas-somma ta' erba' u ghoxrin elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (Eur 24,225.83). Il-maggior parti ta' dawn l-ispejjez flimkien mal-pagi tal-rnembri tal-ekwipagg tal-bastiment intimat gew saldati fl-ewwel gimgha ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) liema hlas sar mis-sidien tal-istess bastiment lis-socjeta rikorrenti;

5. Illi wara li saru l-imsemmija hlasijiet, l-ekwipagg li kien abbord l-imsemmi bastiment baqa' jitlob is-socjeta rikorrenti tissupplixxi l-provvisti necessarji ghall-istess bastiment liema provvisti kienu jinkludu bunkers u ilma fost affarijiet ohrajn, u dan wara li s-sidien tal-bastiment regghu ghal darba ohra injoraw it-talbiet tal-membri tal-ekwipagg u baqghu inadempjenti fir-rigward tal-fornitura tal-imsemmija provvista. Is-socjeta rikorrenti kienet obbligata ai termini tal-Ligi Sussidjarja 234.51 tal-Ligijiet ta' Malta li tissupplixxi tali necessatajiet lill-bastiment intimat liema necessatijiet kienu jinkludu bunkers, ilma, provvisti u spejjez ohra. Fil-fatt, bejn il-perjodu tal-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u d-disa' (9) ta' Jannar tas-sena elfejn

u dsatax (2019), is-socjeta rikorrenti pprovdiet hames (5) provvisti ta' bunkers u diversi provvisti ohrajn fosthom provvista tal-ilma lill-ekwipagg u lill-bastiment. B'zieda ma' dan, is-socjeta rikorrenti kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-agenti li kienu jinkludi l-anchorage fees u spejjez ancillari. Di piu, l-bastiment intimat naqas milli jhallas il-pagament dovut fuq il-polza assikurattiva f'Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) liema pagament jammonta ghas-somma ta' seba' u ghoxrin elf seba' mija u tmienja u erbghin Dollaru Amerikan u hamsa u tmenin centezmu (USD 27,748.85) ekwivalenti ghas-somma ta' erba' u ghoxrin elf mitejn u disa' u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (Eur 24, 249.36). B'kollox il-bastiment intimat ghandu jhallas is-somma komplessiva ta' tlett mija u sitta u tmenin elf hames mija u hamsa u disghin ewro u erba' u hamsin centezmu (Eur 386,595.54) lis-socjeta rikorrenti (Kopja tal-imsemmija fatturi qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati minn Dok. 'B' sa Dok. 'N'). Din is-somma hija certa, likwida u dovuta;

6. Illi b'zieda ma' dak sottomess aktar il-fuq, is-socjeta rikorrenti tissottolinea l-fatt illi s-sidien tal-imsemmi bastiment kienu talbu huma stess f'diversi okkazjonijiet li l-imsemmija spejjez qed jigu garantiti minnhom f'kaz li ma jhallsux u li allura l-istess socjeta rikorrenti kellha thallas l-istess spejjez minhabba l-inadernpjenza tas-sidien tal-bastiment intimat (Kopja tal-iskambju tal-emails qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. '0');

7. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha drittijiet in rem kontra l-bastiment in kwistjoni ai termini tal-Artikoli 742B(o), (q), (r), (s) u (x), u 742D tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-istess dritt, is-socjeta rikorrenti ntavolat kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontestwalment mal-proceduri odjerni u dan sabiex tirkupra l-kreditu hawn fuq indikat;

8. Illi s-socjeta rikorrenti tixtieq tipprocecli ulterjorment kontra l-bastiment intimat ai termini tal-Artikolu 864 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jistipula s-segwenti:
Il-qorti tista' tordna l-bejgh ta' vapur Jew bastiment arrestat pendente lite jekk il-qorti Jidhrilha, wara li jsir rikors mill-kreditur, li d-debitur htoua fallut jew inkella li huwa improbabbli li ser ikompli fil-kummerc u jzomm dak l-attiv. Sabiex il-qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha hija ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha marbutin mal-kaz maghduda x-xorta ta' pretesjoni tal-attur; l-eccezzjonijiet migjuba kontra din il-pretensjoni, jekk ikun hemm, u dawk l-azzjonijiet l-ohra kollha mehuda mid-debirur biex jizgura l-pretensjoni tieghu, jew inkella sabiex izomm shih dak l-attiv.

9. Illi s-socjeta rikorrenti qeghda tressaq l-imsemmija talba ghar-raguni li s-sidien tal-bastiment intimat huma falluti u dana stante li mhumiex f'pozizzjoni li jhallsu ghan-necessitajiet tal-imsemmi bastiment liema necessitajiet qeghdin jigu saldati fl-intier taghhom mis-socjeta rikorrenti. Fil-fatt, il-bastiment intimat ilu ma jkun fil-kummerc sa mill-ewwel gimgha ta' Novembru tas-sena elfejn u trnintax (2018) u dan ghaliex ghadu milqut b'mandat ta' arrest sa minn dakinhar u kwalunkwe spejjez relatati man-necessitajiet u l-manteniment tal-istess bastiment inkluz provvisti suppliti lill-ekwipagg gew saldati interament mis-socjeta rikorrenti;

10. Illi nonostante s-socjeta rikorrenti interpellat lis-sidien tal-bastiment sabiex ihallsu s-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin elf hames mija u hamsa u disghin ewro u erba'

u hamsin centezmu (Eur 386,595.54), l-istess socjeta rikorrenti ghadha ma rceviet l-ebda hlas u ghalhekk kellha ssir din it-talba;

11. Illi huwa fl-interess tas-socjeta rikorrenti illi t-talba ghall-bejgh tal-bastiment intimat pendente lite tigi milqugha u dan ghaliex huwa evidenti li s-sidien tal-bastiment huma falluti u huwa improbabbli li set ikompli fil-kummerc u jzomm dak l-attiv;

12. Illi l-esponenti, bin-numru tal-Karta tal-Identita b'numru 74986M bhala mandatarju specjali tas-socjeta assikuratrici marittima estera American Steamship Owners Mutual Protection and Indemnity Association, Inc. (Socjeta Amerikana bin-numru tat-registrazzjoni 13-4924570) taf personalment dwar il-fatti kif dedotti u qeghda tikkonferma bil-gurament taghha, u sa fejn taf hi, l-bastiment intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba rikorrenti;

Ghaldaqstant, il-bastiment intimat ghandu jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna, tilqa' s-segwenti talba billi:

1. Tiddeciedi u tordna li l-bastiment intimat jinbiegh pendente lite u dan ai termini tal-Artikolu 864 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiffissa l-jum, il-hin u l-lok ghall-ezekuzzjoni ta' dan il-bejgh sabiex mir-rikavat, is-socjeta rikorrenti tkun tista' tissodisfa l-kreditu taghha; u
3. Taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti li jidhrilha opportuni, u partikolarrnent u mhux esklussivament dawk imsemmija fl-Artikolu 313 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-istess socjeta rikorrenti tissodisfa l-kreditu taghha, wara li taghti l-provvedimenti opportuni.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-bastiment intimat li min issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li l-bastiment notifikat ma irrispondiex ghar-rikors;

Rat l-atti u semghet lid-difensur tas-socjeta attrici.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba specifika u ad hoc ai termini tal-artikolu 864 tal-Kap. 12 li jghid hekk:

> Il-qorti tista’ tordna l-bejgh ta’ vapur jew bastiment arrestat pendente lite jekk il-qorti jidhrilha, wara li jsir rikors mill-kreditur, li d-debitur huwa fallut jew inkella li huwa improbabbli li ser ikompli fil-kummerc u jzomm dak l-attiv. Sabiex il-qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha hija ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha marbutin mal-kaz, maghduda x-xorta ta’ pretensjoni tal-attur, l-eccezzjonijiet migjuba kontra din il-pretensjoni, jekk ikun hemm, u dawk l-azzjonijiet l-ohra kollha mehuda mid-debitur biex jizgur a l-pretensjoni tieghu, jew inkella sabiex izomm shih dak l-attiv.

Din il-Qorti qieset illi flimkien ma' dan ir-rikors saret kawza (20/2019) bejn l-istess partijiet fejn is-socjeta attrici allegat li hi kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta' €386,595.54. din il-kawza giet ceduta fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019 sabiex is-socjeta attrici tipprezenta kawza ohra ghal kreditu dovut lilha. Jidher mill-atti u dokumenti prodotti f'dan ir-rikors illi l-bastiment naqas li jhallas lil bahhara tal-pagi dovuti, naqas li jforni l-vapur bil-bunkers u affarijiet essenzjali, naqas li jhallas anchorage fees u anki naqas li jhallas il-polza ta' assikurazzjoni. Jidher li din is-sitwazzjoni ilha ghaddejja ghal diversi xhur u jidher ukoll illi l-istess vapur ilu milqut minn mandat ta' arrest minn Novembru 2018.

Il-bastiment intimat jew is-sidien/agent tieghu ma gab ebda prova li hu solvibbli u li ghandu mezzi biex ihallas id-dejn jew raguni valida ghan-nuqqas ta' hlasijiet kollha essenzjali ghall-operazzjoni tal-vapur. Anzi lanqas biss ghamlu d-dehra taghhom fil-Qorti ghalkemm il-bastiment gie notifikat. Jirrizultaw zewg emails fil-process fejn hemm indikat li l-hlas ser isir pero dan ma jidhirx li sehh.

Rinfaccjata b'dawn il-fatti l-Qorti tikkonsidra li l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti ghadha mhix kanonizzata b'sentenza. Madankollu l-Qorti tqis li dan ma hux ta' ostakolu pero izzid l-applikazzjoni tal-artikolu 864 tal-Kap. 12 ma ghandux jinghata effett b'mod legger izda fejn jirrizulta li d-debitur hu fallut jew improbabbli li jkompli fil-kummerc u jzomm l-attiv cioe l-vapur. Il-kreditu tas-socjeta attrici, in-nuqqas ta' hlas apparenti mid-debitur ghal diversi xhur u l-arrest tal-bastiment f'November 2018 minghajr mas-sid juri li ghandu mezzi disponibbli ta' hlas u prosegwiment fil-kummerc anki bl-istess attiv kolpit f'dan ir-rikors u b'hekk qed jippreserva l-assi cioe l-vapur u di piu lanqas juri interess fil-proceduri mehuda skont il-ligi kontra l-vapur, iwasslu lil Qorti tkun moralment konvinta li l-provi juru li c-cirkostanzi fattwali huma tali li l-applikazzjoni tal-artikolu 864 tal-Kap. 12 hu gustifikat f'dawn ic-cirkostanzi partikolar u t-talba ghandha tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u tordna l-bejgh bl-irkant tal-vapur M.T. "PHAEDRA BRIGHT-1" (IMO Nru. 9213301) fil-bini tal-Qorti fil-

25 ta' Frar 2019 fil-11.00am u dan wara li issir stima skont il-ligi kif stipulat fl-artikoli 313 et seq. tal-Kap. 12. Spejjez ghal bastiment.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur